- *TPACIJA –*
- *ART. 1196 – 1197 TAL-KAP 16 –*
- *QUI ALLEGAT PROBAT –*
- *AMMISSJONI -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Jannar 2002**

**Kawza Numru: 17**
**Citazzjoni Numru: 692/95/RCP**

**Felix Mifsud ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Improved Design Limited**

**vs**

**Joseph Camilleri Fava ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` AS Supplies Limited**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` konvenuta tinsab debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' hames mija tlieta u sittin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (LM563.65), ammont dovut rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' xoghlijiet ezegwiti mis-socjeta` attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tas-socjeta` konvenuta.

Illi nonostante nterpellat diversi drabi sabiex ihallas dan l-ammont, il-konvenut nomine baqa' inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Illi l-istess attur *nomine* ghaldaqstant, talab li l-konvenut nomine jghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja w opportuna:

1) Tikkundanna lill-konvenut *nomine* jhallas lill-attur *nomine* s-somma ta' hames mija tlieta u sittin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (LM563.65) ammont dovut rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' xoghlijet ezegwiti mis-socjeta` attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tas-socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data lli saru x-xoghlijiet sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut *nomine* li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 6 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut noe a fol. 10 tal-process fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament illi t-talbiet tas-socjeta` attrici ghandhom jigu michuda stante preskrizzjoni skond l-**Artikoli 2148 (a) u/jew 2149 (a) tal-Kodici Civili ta' Malta.**

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talba tal-attur mhix korretta kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut noe a fol. 11 tal-process.

Rat il-verbali tat-13 ta' Novembru 1995 u tas-27 ta' Marzu 1996 fejn xehdu Tonio Casapinta, Roger Calleja u PS 500 John Giusti.

Rat in-nota ta' Felix Mifsud tas-27 ta' Marzu 1996 fejn esebixxa l-affidavit ta' Charles Schembri (fol. 24).

Rat il-verbal tat-30 ta' Ottubru 1996.

Rat in-nota tal-konvenut Joseph Camilleri Fava noe tas-7 ta' Marzu 1997 fejn esebixxa l-affidavit tieghu stess (fol 28).

Rat il-verbal tal-14 ta' Marzu 1997 fejn Dr Beppe Fenech Adami ghall-konvenut *nomine* ddikjara li m'ghandux provi aktar dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Xehed l-attur u Dr Norval Desira ghall-attur *nomine* pprezenta nota b'sitt dokumenti.

Rat il-verbali tal-31 ta' Ottubru 1997 fejn xehed in kontro-ezami l-attur noe dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, tas-6 ta' Marzu 1998 fejn kompla jixhed l-attur in kontro-ezami u d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar dwar il-pregudizzju tal-preskrizzjoni u Dr Beppe Fenech Adami talab li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghad-19 ta' Gunju 1998.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut noe tal-14 ta' April 1998 (fol. 60 sa 64).

Rat ir-rikors tal-attur noe tal-21 ta' Mejju 1998 fejn talab is-sospensjoni tas-sentenza biex ikun jista' jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet.

Rat il-verbal tad-19 ta' Gunju 1998 fejn il-Qorti pprovdiet fuq ir-rikors tal-attur noe tal-21 ta' Mejju 1998 billi laqghet it-talba u tat lill-istess attur il-fakolta li jipprezenta nota ta'

osservazzjonijiet sal-5 ta' Ottubru 1998 u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghas-26 ta' Frar 1999.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet responsiva ta' Felix Mifsud noe tat-8 ta' Frar 1999 (fol. 69 sa 71 tal-process).

Rat il-verbal tas-26 ta' Frar 1999 fejn il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza w awtorizzat il-prezentata tan-nota ta' osservazzjonijiet responsiva li giet intavolata tardivament u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghall-15 ta' Ottubru 1999.

Rat il-verbal tal-15 ta' Ottubru 1999 fejn il-kawza giet deciza in parte fejn din l-Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut nomine u l-kawza giet differita ghat-23 ta' Frar 2000 ghall-kontinwazzjoni.

Rat il-verbali tat-23 ta' Frar 2000, tal-24 ta' Mejju 2000 u tat-12 ta' Ottubru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta u fejn inghata digriet tal-affidavits lill-atturi.

Rat in-nota tal-attur tas-27 ta' Ottubru 2000 li biha pprezenta l-affidavit tieghu stess flimkien ma xi dokumenti (fol. 83 sa 86).

Rat il-verbali tas-7 ta' Dicembru 2000 u tat-28 ta' Frar 2001 fejn Dr Francesco Depasquale ghall-attur *nomine* ddikjara li m'ghandux provi aktar. Inghata digriet tal-affidavit lill-

konvenut ta' 40 jum u l-kawza giet differita ghall-provi tal-konvenut ghat-8 ta' Mejju 2001.

Rat il-verbal tat-8 ta' Mejju 2001 fejn xehed Joseph Camilleri Fava u l-kawza giet differita ghall-konkluzzjoni tal-provi tal-konvenut u finali trattazzjoni ghas-6 ta' Gunju 2001.

Rat il-verbali tas-6 ta' Gunju 2001 fejn xehed Felix Mifsud u tal-11 ta' Ottubru 2001 fejn xehed il-konvenut Joseph Camilleri Fava u Dr Depasquale ddikjara li m'ghandux aktar provi u talab li d-difensuri jaghmlu nota. Il-Qorti laqghet it-talba u ppreffiggiet terminu ta' erbghin (40) jum ghall-prezentata tal-istess bin-notifika/visto lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu erbghin (40) jum biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. KAWZA ODJERNA.

Illi s-socjeta` attrici qed taghmel din il-kawza peress li qed tallega li ghandha tiehu minghand is-socjeta` konvenuta l-

ammont ta' hames mija u tlieta u sittin lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm563.65) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghlijiet ezegwieti mis-socjeta` attrici fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta u ghall-beneficcju tal-istess socjeta`.

Illi fil-fatt mal-istess citazzjoni hemm esebit lista ta' xoghlijiet maghmula mis-socjeta` attrici, liema prospett jinsab esebit a fol. 6 tal-process bhala Dok. "A".

Illi min-naha l-ohra s-socjeta` konvenuta qed issostni li t-talba attrici ma hijiex korretta, ghalkemm ma jidhirx mill-istess nota u lanqas mid-dikjarazzjoni annessa maghha r-raguni ghaliex qed isostni dan.

**B. PROVI PRODOTTI.**

Illi bhala provi jirrizulta li s-socjeta` attrici ppruvat li dawn ix-xoghlijiet effettivament saru u dan kif jirrizulta mix-xhieda ta' **Tonio Casapinta**, direttur tas-socjeta` Casapinta Design Group Limited; ta' **Roger Calleja**, *general manager* tas-socjeta` Salvu Prima Limited; u ta' **P.S. John Giusti** ghan-nom tal-Kummissarju tal-Pulizija, li lkoll xehdu fis-27 ta' Marzu 1996; u ta' **Charles Schembri**, *manager* ta' Techno Marine permezz tal-affidavit tieghu tal-21 ta' Marzu 1996.

Illi fil-fatt mix-xhieda tieghu tal-14 ta' Marzu 1997 u tal-31 ta' Ottubru 1997 u l-affidavit tieghu tat-12 ta' Ottubru 2000,

l-attur **Felix Mifsud** *nomine* kkonferma li dawn ix-xoghlijiet saru tramite diversi inkarigi mill-konvenut *nomine* tant li dawn saru fi zminijiet differenti, u fil-fatt esebixxa korrispondenza li ghaddiet bejn id-difensuri tal-partijiet dwar din il-pendenza, fejn il-konvenut offra s-somma ta' Lm48.70 *'in full and final settlement'*.

Illi huwa veru li l-konvenut nomine qabel b'ittra tas-27 ta' Jannar 1995 kien offra li jhallas l-ammont ta' Lm333.65 u mhux Lm383.65, u dan billi naqqas il-prezz ta' xi pumi jew *handles* li skond huwa kellhom jinbiddlu ghaliex ma sarux tajjeb mis-socjeta` attrici, izda sussegwentement jirrizulta mill-istess korrispondenza tas-socjeta` konvenuta u senjatament mill-ittra datata 8 ta' Marzu 1995 (Dok. "FMZ" – fol. 38/39/40) li l-ilment tas-socjeta` konvenuta ma kienx dwar ix-xoghol mertu tal-kawza odjerna, izda dwar xoghol li min-naha taghha is-socjeta` attrici kienet ghamlet ghas-socjeta` konvenuta, liema xoghol li sar fl-ufficcju tas-socjeta` konvenuta li kien jikkonsisti f'aperturi tal-*aluminium*, li skond is-socjeta` konvenuta ma kellhomx il-pumi tajba u kellhom jinbiddlu, u dwar xoghol ta' *gypsum* li sar fl-istess ufficcini tas-socjeta` konvenuta, li skond l-konvenut *nomine* kellu xquq fis-saqaf, liema xoghol gie allegat li kellu jsir mill-gdid; dan apparti xoghol personali li l-konvenut kien ordna minghand is-socjeta` attrici konsistenti fi tlett (3) *bay windows u* hames (5) *envelope windows* ghar-residenza tieghu li skond l-istess konvenut saru wkoll hazin ghaliex dahal l-ilma minnhom.

Illi konsegwenti ghal dawn l-ilmenti, s-socjeta` attrici permezz ta' ittra datata 13 ta' Marzu 1995 (Dok. "FM 6" – fol. 44 u 45) offriet li tnaqqas l-ammont minnha mitlub ghas-somma ta' Lm540.70, u li tirranga l-ilmenti li kellha is-socjeta` konvenuta, mbasta tali ammont jigi depositat ghand id-difensur tas-socjeta` konvenuta minn qabel, izda is-socjeta` konvenuta ma jidhirx li dan accettatu.

Illi fil-fatt fl-istess affidavit tal-attur **Felix Mifsud** datat 12 ta' Ottubru 2000 jirrizulta car li s-socjeta` konvenuta qatt ma ghamlet ilmenti dwar ix-xoghol mertu tal-kawza odjerna, izda l-ilmenti taghha kienu relattati ghal xoghol iehor maghmul mill-istess socjeta` li ma huwiex il-mertu tal-kawza odjerna, u liema xoghol kien sar personalment ghall-istess konvenut fir-residenza tieghu. Fix-xhieda tieghu in kontro-ezami li sar fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2001 kien zied li rigward ix-xoghol tal-*aluminium* u l-*gypsum* li sar fl-ufficcini tas-socjeta` konvenuta kien offra li jirrimedja ghall-istess, izda l-konvenut ma accettax.

Illi minn naha l-ohra **Joseph Camilleri Fava**, direttur tas-socjeta` konvenuta fl-affidavit tieghu tas-7 ta' Marzu 1997 ammetta li l-istess xoghlijiet saru mis-socjeta attrici, izda ilmenti li x-xoghol tal-*gypsum* fl-ufficcini tal-istess socjeta` konvenuta kien sar hazin u dan skond certifikat ta' Eddie Bristow ta' *Charles & Sons* esebit bhala Dok. "BFA 1" a fol. 91 tal-process, ghalkemm l-istess konvenut irrikonoxxa fix-xhieda tieghu tat-8 ta' Mejju 2001 u 11 ta' Ottubru 2001, li dan is-suffitt ma kienx inkluz fil-kont mertu tal-kawza

odjerna. Illi skond l-konvenut il-partijiet ftehmu li jsir *set off* tant li allega li hareg cekk ghad-differenza.

**C. <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi mill-provi jirrizulta li b'ittra tas-27 ta' Jannar 1995 is-socjeta` konvenuta offriet li thallas l-ammont ta' Lm333.65 wara li hija naqset is-somma ta' Lm50 valur ta' pumi ghall-xoghol iehor ta' *aluminium* li sar mis-socjeta` attrici fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta, fl-ufficcini ta' dawn ta' l-ahhar li dwarha din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenza taghha tal-15 ta' Ottubru 1999 fl-ismijiet premessi kkumentat li tali ittra tammonta ghar-*"rikonoxximent car li l-attur ghandu dritt jithallas ghax-xoghlijiet li huma koperti bl-imsemmi invoice".*

Illi wkoll mill-provi fuq prodotti ma hemm l-ebda dubju kwalunkwe li x-xoghol mertu tal-kawza odjerna sar kollu mill-istess socjeta` attrici fuq inkarigu tal-konvenut *nomine,* u dwar l-istess xoghol ma hemm ebda ilment mis-socjeta` konvenuta, kif jidher mix-xhieda tal-istess konvenut Joseph Camilleri Fava tat- 8 ta' Mejju 2001 u 11 ta' Ottubru 2001, li addirittura ammetta l-istess.

Illi fil-fatt il-kontestazzjoni tal-konvenut f'din il-kawza ma hijiex dwar l-istess xoghol, izda dwar xoghol iehor li sar mis-socjeta` attrici fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta, liema xoghol jikkonsisti f'xoghol ta' *aluminum* u *gypsum* li sar fl-ufficcini tas-socjeta` konvenuta, u xoghol iehor ta'

*aluminium* li sar fir-residenza personali tal-konvenut, li skond l-istess socjeta` konvenuta sar hazin u mhux skond is-sengha u l-arti li li dwaru gie allegat li kien hemm ftehim ta' tpacija mal-ammont dovut mis-socjeta` konvenuta mertu tal-kawza odjerna.

Illi fl-ewwel lok la darba s-socjeta` konvenuta qed tallega li kien hemm ftehim ta' tpacija, huwa l-oneru taghha li tipprovah u dan assolutament naqset li taghmlu mill-provi prodotti, anzi jidher li ghalkemm s-socjeta` attrici ppruvat tittransigi l-kawza b'diversi modi, kif jidher mill-korrispondenza relattiva, din it-transazzjoni baqghet ma sehhitx, tant li saret din il-kawza.

Illi fil-fatt jinghad ukoll li ghalkemm fis-27 ta' Jannar 1995 l-istess socjeta` konvenuta rrikonoxxiet li kellha thallas l-ammont ta' Lm333.65, anke dan naqset li thallas, anzi wara b'korrispondenza sussegwenti u fuq indikata, ghamlet diversi tnaqqis iehor u offriet is-somma ta' Lm48.70 *per saldo* permezz ta' cekk numru 1448 datat 6 ta'Marzu 1995 (fol. 43 – Dok. "FM 5") liema cekk ma giex accettat mis-socjeta` attrici tant li baqa' ma ssarrafx, u l-original tieghu jinsab hekk esebit fl-atti ta' din il-kawza kif premess.

Illi ghalhekk l-allegazzjoni li sar ftehim ta' tpacija ma gietx ippruvata u in vista tal-principju *"qui allegat probat",* la darba l-istess socjeta` konvenuta ma ssodisfatx l-oneru taghha dwar l-allegazzjoni minnha vantata, din is-sottomissjoni ma tistax tigi accettata u qed tigi rigettata.

Illi dwar ir-regoli ta' tpacija li ssehh *ipso iure* l-**artikolu 1196 tal-Kap 16** jistabbilixxi li meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom it-tpacija *ipso iure. "Din it-tpacija ssir minghajr ma jkunu jafu d-debituri jekk ikunu jezistu zewgt' idjun fi zmien wiehed, u d-djun jinqatlu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu ndaqs.* ***L-artikolu 1197 tal-Kap 16*** *jistabbilixxi li t-tpacija ssir biss bejn zewgt' idjun li jkollhom somma ta' flus …li jkunu it-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu".*

Illi fis-sentenza **"Marianna Spiteri *et vs.* Joseph Vella"** (P.A. (A.J.M.) 3 ta' Mejju 1993 – Vol. LXXVII.iii.128) inghad illi *"minn dan nara li l-eccezzjoni ta' tpacija fiha nnfisha tammonta ghall-ammissjoni tad-debitu u li dan id-debitu huwa dovut, biss ma ghandux jithallas ghax huwa pacut minn ammont iehor dovut mill-kreditur".* (**"Donald Orr *nomine vs.* Edward Gingell Littlejohn *et"*** - A.K. (C.S.) 18 ta' Gunju 1984 – LXVIII.ii.297; **"Stefan Zrinzo Azzopardi *nomine vs.* Michael Vella *nomine"*** – K. (A.M. 24 ta' Frar 1995 – LXXIX.iv.1371).

Illi fis-sentenza **"Onor. Carm Lino Spiteri vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici"** (A.C. (H.H.) 25 ta' Jannar 1988 – LXXII.iii. 157 inghad illi *"nfatti kif deciz minn din il-Qorti fl-14 ta' Jannar 1995 fil-kawza* ***"G. Schembri vs G. Chircop"*** *' ma jistax ikun hemm kompensazzjoni meta z-zewg debiti ma jkunux likwidi u esigibbli (Vol. XXXIII.i.614; XXXI.i.8), b'mod illi la darba l-kreditu pretiz mill-konvenut mhux*

*likwidu u esigibbli, huwa ma jistax jeceppixxi l-kompensazzjoni. U ghalkemm il-likwidita ta' zewg krediti m'hix estrem essenzjali ghall-kompensazzjoni gudizzjali, b'danakollu, meta l-likwidazzjoni tal-kreditu dedott b'kompensazzjoni mhux facli u ma tistax issir malajr…. Din il-kompensazzjoni m'ghandhiex tigi facilment accettata mit-tribunali (Vol. XVII.iii.4).*

Illi fil-kawza **"Paul Abela *nomine vs* Paul Laferla *nomine*"** (A.C. 18 ta' Mejju 1953) addirittura inghad li *"ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha 'ipso iure' ghar-rigward ta' krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra".*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* jirrizulta li l-ilmenti tas-socjeta` konvenuta dwar ix-xoghol li sar mis-socjeta` attrici ghall-konvenut personalment fid-dar tieghu ma jistghu qatt jinkwadraw ruhhom fil-kuncett ta' kompensazzjoni fil-kawza odjerna, stante li z-zewg krediti rispettivi jridu jkunu jezistu bejn l-istess zewg persuni guridici, b'dan li l-persuna medessima tkun kreditur u debitur fl-istess hin tal-istess persuna; f'dan il-kaz wiehed invece qed jikkonsidra kreditu tas-socjeta` attrici *vis-à-vis* s-socjeta` konvenuta, w allegazzjonji ta' kreditu mill-konvenut personalment kontra s-socjeta` attrici, li certament ma jidholx fil-parametri tat-tpacija *ipso iure.*

Illi rigward ilmenti tas-socjeta` konvenuta ghax-xoghol maghmula mis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' *aluminium* u *gypsum* fl-ufficcini tas-socjeta` konvenuta, fejn

l-istess socjeta` konvenuta qed tallega li dan ix-xoghol sar hazin, jidher car li f'din l-ipotesi taht l-ebda cirkostanza ma jista' jinghad li d-debitu pretiz huwa likwidu, cert u dovut, tant li s-socjeta` attrici kkontestat dan kollu mill-bidu nett tal-kawza, tant li hija qatt ma accettat dak allegat mis-socjeta` konvenuta, u mill-korrispondenza esebita jidher car li b'mod inkonfondibbli s-socjeta` attrici kkontestat dan id-debitu, u ghalhekk certament li f'dan il-kaz ma tistax tapplika l-kompensazzjoni *ipso iure.*

Illi din il-Qorti tosserva wkoll li din il-kawza hija limitata ghax-xoghlijiet premessi fic-citazzjoni attrici mill-istess socjeta`, u l-eccezzjonijiet vagi tas-socjeta` konvenuta kellhom jillimitaw ruhhom ghall-istess, u mhux jidhlu f'negozju iehor, anke jekk bejn il-partijiet, li 'n verita` ma ghandu x'jaqsam xejn mal-pretensjoni attrici, u dan aktar u aktar meta l-kuncett ta' kompensazzjoni jew tpacija ma ghandu x'jaqsam xejn mal-pretensjoni attrici, ghaliex kull ma' s-socjeta` konvenuta jidher li ghandha hija biss pretensjoni fil-konfront tas-socjeta` attrici, liema pretensjoni ma gietx segwita b'kawza *ad hoc* jew almenu kontro-talba.

Illi fil-fatt jidher li l-istess socjeta` konvenuta llimitat ruhha sabiex tressaq il-pretensjoni taghha permezz, lanqas tant tal-eccezzjonijiet taghha, imma iktar fis-sottomissjonijiet taghha waqt il-kawza u x-xhieda minnha prodotta, li fl-opinjoni ta' din il-Qorti lanqas ghandha tkun permessa, meta huwa ovvju li l-ilment tas-socjeta` konvenuta ma huwiex relattat mal-mertu tal-kawza u lanqas huwa

determinat u likwidu b'mod li tista' tigi ecceppieta l-kompensazzjoni *ex lege*.

Illi ghalhekk in vista tal-premess it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta ghandha tigi respinta u t-talba attrici milqughha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1) Tikkundanna lill-konvenut *nomine* jhallas lill-attur *nomine* s-somma ta' hames mija tlieta u sittin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (LM563.65) ammont dovut rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' xoghlijiet ezegwiti mis-socjeta` attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tas-socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tad-decizjoni tal-15 ta' Ottubru 1999 fl-ismijiet premessi, u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data tat-30 ta' Awissu 1993 sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut *nomine.*

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**31 ta’ Jannar 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**31 ta’ Jannar 2002**